Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Agius)

vs

-Omissis-

Joseph Scerri

**Kumpilazzjoni Numru:** 70/2020

**Illum, it-tlieta (3) ta' Ottubru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** u **Joseph Scerri** detentur tal-karta tal-identità b'numru 0169168M akkuzati talli:

B'diversi atti maghmulin mill-hati ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda u li dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat konntinwat, billi fl-5 t'April 2014 bejn 12.45hrs u 13.00hrs waqt li kienu qed jghamlu uzu minn truck armat bil-high up, bin-numru tar-registrazzjoni LAB-059 irregistrat f' isem l-istess Joseph Scerri, ikkommettew serq ta' oggetti tal-hadid li jikkonsistu f'katina hoxna u casing tal-piler li jiswew aktar minn €2,329.37 ghad-dannu tal-kumpanija Polidano Group li tinsab f'Hal Farrug limiti ta' Hal-Luqa liema serq huwa aggravat bil-valur.

Akkuzati wkoll talli fl-4 t'April 2014 bejn il-11.00hrs u 12.00hrs mill-istess impjant Polidano group li jinsab fiz-zona ta' Hal Farrug limiti ta' Hal Qormi, ikkommettew serq ta' oggetti tal-hadid li jikkonsistu fi trabixu u gardien shaft komplut bid-differention li jiswew iktar minn €2,329.37 ghad-dannu ta' l-istess kumpanija Polidano Group.

Fil-kaz ta' -Omissis-

U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkustanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentament xtraw jew laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkunu indahlu biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum lok u cirkustanzi dahal f'propjeta privata minghajr permess tas-sid.

U aktar ralli rrendew ruhhom recedivi ai termini tal-Artikolu 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mil-Qrati ta' Malta kemm bhala Qoarti Kriminali kif ukoll Qorti tal-appell, liema sentenzi saru defenittiva u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sebgha (7) ta' April tas-sena 2015 fejn biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom qed jintalab li tinstab htija kontra l-imputat Joseph Scerri u cioè:-

1. Artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Artikoli 261(c), 267 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Artikoli 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi rat li wara li nqraw l-artikoli tal-Ligi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tkompli tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju;

Rat l-atti tal-inkjesta Nru. 24/2014 Redatta mill-Magistrat Dr Carol Peralta.

Semghet ix-xhieda kollha;

<u>**Ikkunsidrat:**</u>

Illi semghet ix-xhieda tal-<u>**Ispettur Joseph Agius**</u> li pprezenta stima minn Polidano Group dwar l-affarijiet il-misruqa, dikjarazzjoni tal-jedd ghall-parir legali tal-imputat Joseph Scerri, stqarrija tal-istess imputat Joseph Scerri, nota tal-arrest, il-fedina penali tal-imputat, u estratt tac-certifikat tat-twelid tal-imputat. Oltre minn hekk l-Ufficjal Prosekutur jghid li fil-hamsa (5) ta' April tas-sena 2014 ghall-habta tas-siegha u ghoxrin ta' wara nofsinhar kien ghaddej bil-vettura tal-pulizija minn Hal Farrug u ra vettura tar-*Rapid Intervention Unit* wieqfa hdejn l-impjant ta' Polidano Group. Jghid li meta waqaf u saqsa x'gara u jekk kienx hemm bzonn xi haga xi hadd qallu li kienu ghadhom kif qabdu tnejn (2) min-nies li serqu mill-istess impjant.

Jixhed li meta nizel mill-karozza sab lill-imputat hdejn *high up* li fuqu kien hemm mghobbi *piler* tal-hadid li jghid li jqum madwar sebat elef ewro (€7,000), katina hoxna tixbah lil tal-vapuri u li tizen tliet (3) tunnellati u li tiswa' madwar elf ewro (€1,000). Ikompli jixhed li l-imputat flimkien ma' -*omissis*- kienu nqabdu jisirqu

minn zewg (2) impjegati tal-kumpanija Polidano Group li kienu qeghdin jirritornaw lura lejn l-impjant. Jghid ukoll li -omissis- qallu li l-hadid ittiehed bil-permess ta' Charles Polidano.

Jghid li Charles Polidano qallu li ma ta permess lil hadd biex jiehu l-hadid. Ikompli jghid li *-omissis-* kien gie impjegat biex inaddaf l-annimali filwaqt li Joseph Scerri kien ha jibda jahdem mal-Polidano Group it-Tnejn ta' wara l-gurnata tal-allegat incident. Jikkonferma li t-trakk bin-numru ta' registrazzjoni LAB-059 li kellha l-affarijiet mghobbija fuqu huwa rregistrat fuq l-imputat Joseph Scerri. Jikkonferma wkoll li matul l-investigazzjonijiet irrizulta li oltre mill-oggetti li kienu fuq it-trakk, kienu gew misruqa ogetti ohrajn ta' valur kbir. Fost dawn l-oggetti x-xhud jelenka *piling* u *differation* ta' trakk. Irrizultalu li dawn l-oggetti partikolari kienu nsterqu l-gurnata ta' qabel l-allegat incident.

Jixhed li l-*piling* u d-*differation* instabu gewwa *scrap yard* ta' certu Adolf Baldacchino stante li dawn gew mibjughin lill-istess Adolf Baldacchino ghall-ammont ta' madwar mija u erbghin ewro (€140). Jghid li Adolf Baldacchino ghandu *scrap yard* biswit ic-cimiterju

tal-Addolorata. Jikkonferma li dirigenti tal-Polidano Group kienu marru gewwa dan lis-*scrap yard* u ddentifikaw l-oggetti li nsterqu. Jghid ukoll li fis-sitta (6) t'April tas-sena 2014 kien ha l-istqarrija tal-imputat fejn ammetta li kienu ser jiehdu l-oggetti ta' fuq it-trakk u li l-gurnata ta' qabel kienu hadu xi oggetti ghal ghand Adolf Baldacchino. Jikkonferma li mhux l-oggetti kollha misruqa nstabu.

Ikompli jixhed li fis-sitta (6) ta' April tas-sena 2014 kien ha l-istqarrija tal-imputat fejn kien ammetta li kien ser jiehu l-oggetti ta' fuq it-trakk u li l-gurnata ta' qabel kien ha xi oggetti gewwa lis-*scrapyard* ta' Adolf Baldacchino. L-imputat stqarr ukoll li ma kienx jaf li kien qieghed jisraq u dan ghaliex -*omissis*- kien qallu li kien qed jiehu l-affarijiet bil-permess ta' Charles Polidano. Jghid ukoll li rapprezentanti tal-Polidano Group ikkonfermaw li l-istima tal-oggetti misruqa hi dik ta' erbgha u ghoxrin elf ewro (€24,000). Jghid li fost l-oggetti li ma nstabux jinkludu *piler* u *rhime*.

Xehed **<u>Ian Napier</u>** bhala *administrative manager* tal-Polidano Group. Jixhed li fil-hamsa (5) ta' April 2014 kien mal-*managing*

*director* Charles Polidano u rcieva telefonata li kien hemm xi hadd li qieghed jghabbi l-hadid minn gewwa *yard*. Ikompli jghid li meta mar fuq il-post sab lill-imputat b'*high up* u jghabbi ktajjen u ghodod. Ikompli jixhed li fuq dan il-*high up* instabu *piling sleeve* b' valur ta' seba' mitt ewro (€700), tliet (3) tunnellati ta' ktajjen b' valur ta' elf ewro (€1,000).

Jixhed li meta dahal fid-dettall jikkonferma li fost l-affarijiet li ma nstabux kien hemm il-*piling auger* b' valur ta' ghaxart elef ewro (€10,000), *differential* ta' trakk b'valur ta' hames mitt ewro (€500), 4 *piling sleeves* b' valur ta' tnax-il elf ewro (€12,000). Ipprezenta wkoll lista (immarkata bhala Dok. IN) tal-materjal li kien mghobbi fuq it-trakk flimkien mal-valur tal-istess materjal. F'din l-istess lista hemm indikat ukoll il-materjal li nstab ghand Jacksteel.

Ikompli jghid li -*omissis*- kien inghata opportunità biex jahdem mal-kumpanija. Wara gimghatejn xoghol -*omissis*- ipprezenta l-imputat. Jghid li kien kellem lill-imputat il-Gimgha u l-ghada s-Sibt fil-hamsa (5) t'April tas-sena 2014 inqabad jisraq. Jixhed li sar jaf bis-serqa meta kien ma' Charles Polidano gewwa Montekristo

meta rcieva telefonata li kien hemm xi hadd li qieghed jghabbi l-hadid. Jikkonferma li Clifton Cassar u Emanuel Cortis kienu nnutaw li kienet ghaddeja xi haga suspettuza meta t-trakk li kellu l-affarijiet fuqu ma kienx trakk tal-kumpanija. Jixhed li t-trakk kien qieghed bl-affarijiet iggancjati mieghu. Jghid li t-trakk ta' lewn ahmar bin-numru ta' registrazzjoni LAB-059 tappartjeni lill-imputat.

Illi oltre minn hekk jghid li bhala xoghol, hu jkun involut fit-trattattivi tax-xiri ta' oggetti u ghodda kbar. Jghid li huwa hu li jiddeciedi dwar il-prezz negozjat tax-xiri tal-ghodda. Jixhed li l-valuri jinstabu a fol. sebgha u disghin (97) jirrapprezentaw l-ammont li wiehed ikollu jonfoq biex jigu sostitwiti. Ikompli jghid li l-valuri a fol. sebgha u disghin (97) huma prezzijiet li ma jvarjawx fis-suq.

Ikompli jixhed li l-ghodda li nstabu ggancjati mal-*high up* tat-trakk mhux soltu li jkunu hemm izda jkunu mal-art fil-btiehi tal-impjant. Jghid ukoll li t-trakk li kien qieghed jghabbi l-ghodda mhuwiex tal-kumpanija izda tal-imputat Joseph Scerri.

Jikkonferma li l-oggetti elenkati a fol. sebgha u disghin (97) mhumiex *scrap*.

Xehed **Clifton Cassar** li jghid li jahdem ma' Polidano Group u li fil-hamsa (5) ta' April 2014 kien se jispicca x-xoghol fis-siegha u nofs ta' wara nofsinhar meta hu u habib tieghu Manuel Cortis raw trakk gol-impjant ta' Charles Polidano. Fuq dan it-trakk raw hadid, ghodda tal-*piler* u ghodda ohrajn. Jghid li gharaf lill-imputat fuq dan it-trakk u li l-istess imputat qallu li kien baghtu Charles Polidano.

Xehed **Manuel Cortis** li jghid li huwa impjegat ta' Polidano Group gewwa Hal Farrug ghal madwar tlettax (13)-il sena. Jikkonferma li xoghlu huwa bhala sewwieq ta' trakk flimkien ma' Clifton Cassar. Jixhed li gharaf lill-imputat u li waqt li kien sejjer ipoggi t-trakk gewwa l-impjant ghas-siegha u nofs ta' waranofsinhar ra trakk ahmar mhux tas-soltu li ma kienx tal-Polidano Group. Jghid li fuq dan it-trakk ahmar kien hemm *piler*, katusa kbira tal-hadid u ktajjen hoxnin.

Ikompli jixhed li hu ma jafx il-valur ta' dawn l-affarijiet li ra fuq it-trakk l-ahmar. Izid li dan it-trakk kien gol-impjant ta' Polidano Group – specifikament fil-genb tal-impjant li jinstab mat-triq principali. Jghid ukoll li t-tunnellati tal-hadid ma terfaghhomx wahdek izda jkollok bzonn il-*high up* li fil-fatt kien fuq it-trakk l-ahmar. Jixhed li l-imputat u -*omissis*- qalulu li baghathom Charles Polidano u dak il-hin siehbu Clifton Cassar cempel lill-istess Charles Polidano. Hekk kif dan wasal fuq il-post, Manuel Cortis u Clifton Cassar warrbu u telqu.

Xehed <u>**Charles Polidano**</u> u jikkonferma li fil-hamsa (5) ta' April tas-sena 2014 kien ircieva telefonata minn haddiem tieghu li qallu li kien hemm xi nies qeghdin jiehdu xi affarijiet mill-impjant ta' Hal Farrug. Hu nzerta kien qieghed gewwa u hareg jara u sab lill-imputat u -*omissis*- jghabbu l-hadid.

Jghid li -*omissis*- sar impjegat sabiex inaddaf l-annimali u z-zwiemel u li wara gimghat u nofs jahdem dahhal lil xi hadd jahdem mieghu. Oltre minn hekk jixhed li mill-ewwel Sibt li l-imputat kien beda jahdem ghalih, kien qieghed jippjana u kuljum kien qieghed

jghabbi hadid u hu nduna b'dan ghaliex *pilers* ma tantx jezistu gewwa Malta. Jixhed li l-*piler* misruq sabha huh gewwa *scrap yard* ta' certu Baldacchino minn Hal Luqa.

Ikompli jixhed li meta gie msejjah fuq il-post dakinhar tal-allegat incident sab *high up* trakk li fuqu kien hemm mghobbi hadid. Jghid li kien hemm ktajjen, *casings* tal-*piler*, u xi katina mghobbijin fuq it-trakk. Jghid ukoll li qatt ma qabbad lill-imputat u lil -*omissis*- biex jghabbi dawk l-affarijiet.

Xehed **PS 539 Fabian Caruana** li pprezenta relazzjoni tal-Qorti mmarkata bhala Dok. FC. Jghid li jgharaf u kien kellem lill-imputat u -*omissis*-. Jixhed li kien involut fl-arrest tal-imputat stante li kien mar fuq il-post tal-allegat incident wara li rcieva allegazzjoni minghand Charles Polidano u Ian Napier (*manager* ta' Polidano Group) li kien hemm xi nies qeghdin jghabbu xi hadid minghajr il-permess taghhom ghal fuq trakk bir-registrazzjoni numru LAB-059 li kien mghobbi.

Jghid li ma kienx kellem lill-imputat dakinhar tal-hamsa (5) ta' April tas-sena 2014. Ikompli jixhed li hu ma rax lill-imputat u lil -*omissis*- jisirqu u jghabbu l-affarijiet ghal got-trakk izda jinsisti li l-affarijiet kienu digà gol kaxxa mghobbijin. Jghid ukoll li a rigward il-valur tal-affarijiet misruqin ma kienx hu li kien ghamel tali verifiki. Ikompli jghid li bhala prassi l-Pulizija titlob verifika bil-miktub minn ghand il-parte civile.

Xehed **<u>Adolf Baldacchino</u>** li jghid li huwa sid ta' *scrap yard* li qieghed gewwa z-zona industrijali tal-Marsa. Jghid li l-imputat u -*omissis*- huma kolletturi tal-hadid u li darba minnhom gabulu hadida kbira. Gurnata u nofs wara cempillu Paul Polidano u saqsieh jekk kellux *piler* u hu wiegbu fl-affermattiv. Jikkonferma li ghall-*piler* kien ta lill-imputat u lil -*omissis*- madwar tletin ewro (€30). Jghid li l-imputat u -*omissis*- qalulu li sabu din il-*piler* meta kienu qeghdin inaddfu l-ghalqa ta' Paul Polidano. Jghid li apparti l-*piler* kien hemm bicctejn (2) hadid. Jikkonferma li l-*piler* giet ritornata lura ghand Charles Polidano.

Xehdet **Sue Fenech** li ghan-nom tar-Registratur tal-Qorti pprezentat l-process verbal (immarkat bhala Dok SF) redatt mill-Magistrat Dr Carol Peralta LL.D. u li gie trasmess lil din il-Qorti mill-Avukat Generali fis-sittax (16) ta' Settembru tas-sena 2014.

Xehed il-**Perit Valerio Schembri** li esebixxa u pprezenta relazzjoni tieghu mmarkata bhala Dok. VS u dan wara li gie nominat mill-Qorti sabiex jaghmel access fuq il-post fejn sehh l-allegat reat.

Xehed **Stephen Cachia** li pprezenta ricerka (immarkata bhala Dok. SC) fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAB-059. Jikkonferma li l-vettura hija tal-ghamla Bedford ta' kulur ahmar u li l-istess vettura hija rregistrata fuq Joseph Scerri u dan mill-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena 2013.

Xehed **Paul Polidano** u jghid li huwa wiehed mid-diretturi tal-kumpanija *Polidano Brothers*. Jghid li jaf lill-imputat stante li rah dakinhar tal-allegat reat flimkien mal-Pulizija gewwa l-bitha ta' wara tal-impjant. Jixhed li kien hemm it-trakk mghobbi bl-oggetti u li dan it-trakk ma kienx tal-kumpanija. Jghid ukoll li kien hemm

affarijiet li gew nieqsa qabel u li kien l-imputat u *-omissis-* li serquhom stante li stqarrew hekk mal-Pulizija. Jikkonferma wkoll li l-ammont misruq jissupera l-valur ta' ghaxart elef ewro (€10,000).

Jixhed li biex tidhol fil-bitha fejn instab it-trakk bil-*high up* wiehed ikollu jghaddi minn xatba u jqaccat katnazz. Fil-fatt jixhed li tali katnazz kien imqaccat. Jghid li din il-bitha tidhol ghaliha mit-triq li tinsab ma' genb l-impjant. Ikompli jispjega li x'aktarx l-imputat u *-omissis-* kienu impjegati minn huh sabiex jahdmu fiz-zoo.

Xehed <u>**PC 1331 Darren Debattista**</u> li kkonferma ritratti li kien ha u dan sabiex jespleta l-inkarigu mghoti lilu fl-inkjesta. Tali ritratti jinstabu a fol. 202 tal-process.

Xehed l-imputat <u>**Joseph Scerri**</u> li jghid li ltaqa' ma' *-omissis-* u gie mistoqsi jekk riedx jaghmel vjagg. L-imputat accetta bil-kundizzjoni li *-omissis-* kellu l-permess. Jghid li ghamlu vjagg wiehed minghajr hadd ma waqqafhom u xi gimgha wara gie mistoqsi jekk riedx jaghmel vjagg iehor. Jixhed li dan it-tieni vjagg

kien jikkonsisti f'tehid ta' hadid minn go *scrap yard*. Jghid li telqu ghal xi l-hdax (11) u f'nofsinhar (12PM) kienu qeghdin gol-impjant ta' *Polidano Group*. Ikompli jghid li l-ewwel waqfuh zewg haddiema tal-kumpanija *Polidano Group* kif ukoll Charles Polidano nnifsu.

Jinsisti li -*omissis*- kellu permess minghand Charles Polidano sabiex jiehdu l-affarijiet mill-impjant. Jixhed li fil-fatt strah fuq il-kelma ta' -*omissis*-. Jikkonferma li ilu li jaf lil -*omissis*- minn mindu kien jattendi programm ta' *substance abuse* gewwa l-Imtahleb. Wara dan il-programm rega' ltaqa' mieghu l-habs.

Jikkonferma li ghamel dan it-tip ta' vjagg ma' -*omissis*- darbtejn biss. Jixhed li -*omissis*- riedu biex jaghmel vjagg bit-trakk li huwa tieghu stess. Jghid li meta gabru l-ghodda ma kien hemm hadd biex jaghtihom struzzjoni jew ircevuta u insista li l-grada kienet tkun miftuha. Jghid ukoll li meta marru jbieghu l-affarijiet l-ircevuta kienet harget fuq isem -*omissis*-.

Jixhed u jinsisti li hu ma ghandux x'jaqsam ma' *Polidano Group* u li thallas minn -*omissis*- ta' dawn il-vjaggi. Jikkonferma li fost l-

affarijiet li ghabba kien hemm hadid, *differential*, kif ukoll katusa tal-hadid.

**Ikkunsidrat**

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

> *"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*
>
> *Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani*

*Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li hemm prova tangibbli u konkreta li l-allegat fatt gie kommess mill-imputat odjern u -*omissis*-. Dan ghaliex johrog bic-car kemm mix-xhieda li ta l-imputat, kif ukoll mill-istqarrija tieghu. Din il-Qorti ser tispjega ghalfejn sejra tistrieh fuq din l-istqarrija tal-imputat.

Illi din il-Qorti tinnota wkoll il-fatt li x-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni kollha ghandhom verzjonijiet li jikkorroboraw ma' xulxin u li fl-ahhar mill-ahhar iqieghdu lill-imputat fuq il-post fejn sehh ir-reat kif ukoll b'numru tal-oggetti misruqa fil-pussess

tieghu. Fuq dal-punt ta' referenza qieghda ssir ghax-xhieda moghtija minn Manuel Cortis u Clifton Cassar.

Illi din il-Qorti tqis li x-xhieda moghtija minn Charles Polidano hija wahda krucjali fis-sens li hu stess jikkonferma li ma kienx ta permess lil -*omissis*- u lill-imputat sabiex jittrasportaw u jiehdu l-oggetti misruqin:

*"Pros: Inti, apparti dan l-incident qatt qabbad lil xi hadd jiehu xi haga?*

*Xhud: Hu hekk qalli li qabbadtu jiena, u quddiem il-pulizija u quddiem kulhadd.*

*Pros: Imma inti qabbadtu?*

*Xhud: U zgur li mhux jien. Inqabdu jisraq ir-ras tal-piler?"*

Illi l-akkuza li tressqet mill-prosekuzzjoni hi dik ta' serq aggravat bl-ammont. Referenza partikolari ssir ghall-Artikolu 279 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur" biss, jeħel -*

*(b) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin"*

Illi l-prosekuzzjoni ressqet u pprezentat lista tal-affarijiet li gew misruqa b'permezz ta' dokument imfassal mis-socjetà *Polidano Group*. Referenza ser issir ghal dokument immarkat **Dok IN** fejn l-ghodda gew valutati hekk kif gej: *Piling Auger* bl-ammont ta' ghaxart elef ewro (€10,000); *Truck Differential* bl-ammont ta' hames mitt ewro (€500); *Piling Sleeve* bl-ammont ta' seba' mitt ewro (€700); tlett (3) tunnellati ta' katina bl-ammont ta' elf ewro (€1,000); erba' (4) *piling sleeves* bl-ammont ta' tnax-il elf ewro (€12,000).

Illi l-Qorti hija konsapevoli ta' dak li hareg mill-kontroezami tal-Ispettur Joseph Agius fit-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena 2019 fejn harget inkonsistenza fil-valuri tal-oggetti li gew misruqa:

*"Difiza: Ezatt. Fis-16 ta' Lulju 2014. Ara spett, inti fix-xhieda li kont tajt fis-16 ta' Lulju, rigward tal-oggetti li kien mghobbi f' dan il-vann, f' dat-trakk, high up, x'kien*

*Xhud: ehe.*

*Difiza: Inti kont ghidt illi fuqu kien hemm mghobbi, piler tal-hadid"*

*Xhud: ehe*

*Difiza: Li jqum madwar sebat elef ewro, u katina qisa tal-vapuri li tizen tlett tunnellati li tqum elf ewro.*

*…*

*Difiza: Issa. Inti hawnhekk ghidt zewg valuri. Dal-piler li jiswa sebat elef u tlett tunnellati katina li tiswa elf ewro, madwar elf ewro*

*Xhud: Skont il-x'jisimhom, il-valuri li dejjem tawni"*

Illi però din il-Qorti rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Valerio Schembri fejn fil-konkluzjoni[1] tieghu hu jghid hekk:

> *"Il-valur totali ta' oggetti allegatament misruqa jammonta ghal madwar €22,500.00. L-oggetti li kienu gew mghobbija fit-truck meta nqabdu l-aggressuri jammontaw ghal circa €1700.00."*

Illi ghalhekk din il-Qorti hija sodisfatta li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha a rigward ir-reat ta' serq aggravat bil-valur u dan stante li gie pprezentat ir-rapport tal-imsemmi Perit Tekniku li kien gie mahtur fl-istadju tal-inkjesta magisterjali.

Illi din il-Qorti tinsab konvinta li x-xhieda tal-imputat Joseph Scerri m'ghandhiex titqies bhala wahda konvincenti. Dan ghaliex kif gia` gie retenut, ix-xhieda moghtija mix-xhieda prodotti jikkorroboraw ma' xulxin. Oltre minn hekk din il-Qorti hija perplessa kif l-imputat seta' jafda lil *-omissis-* meta qallu li gab permess biex jiehu l-

[1] Fol. 241

oggetti mill-impjant ta' *Polidano Group.* Dan meta tqis li l-imputat kien jaf bil-passat ikkulurit ta' -*omissis*-.

## L-Istqarrija tal-Imputat

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat jammetti li ha diversi oggetti mill-impjant ta' *Polidano Group* flimkien ma' -*omissis*-. Illi jirrizulta wkoll illi din l-istqarrija ttiehdet minghajr minacci jew theddid u wara li nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu, huwa rrinunzja ghal tali dritt.

Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-istqarrija hija kkunsidrata bhala prova regina, jekk mehuda kif suppost fosthom fil-kawza **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** (dec 11/4/2011 u 12/4/2011) fejn il-Qorti tal-Appell iddecidiet is-segwenti:-

> *"Din il-Qorti mhijiex ser tiddeciedi l-kwistjoni mill- aspett kostituzzjonali izda sejra taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Fil-kaz in ezami, l-appellata kienet*

*mgharrfa bil-jedd taghha li tibqa' siekta u ma twegibx ghall-mistoqsijiet li jsirulha mill-ufficjal investigatur. Ma jirrizultax li kellha esperjenzi ohrajn ta' interrogazzjonijiet mill-Pulizija qabel dan, izda l-ghazla li twiegeb jew ma twegibx setghet taghmilha bla konsegwenzi ta' xejn u ghalhekk tali ghazla ghamlitha b'liberta' shiha. ... Gialdarba d-difiza ma kenitx qed tikkontesta l-volontarjeta ta'l-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tigi skartata fuq il-bazi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta ma gietx messa in diskussjoni. Konsegwentement in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta ta'listqarrija ta'l- appellata, f'dan il-kaz tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli."*

Illi di piu', din il-Qorti thoss li ghandha tidhol fil-kwistjoni; ghalkemm qatt ma giet sollevata mid-difiza; li l-istqarrija tal-imputat (ghalkemm ittiehdet b'mod volontarju u minghajr minacci u bil-kawteli kollha vigenti dak iz-zmien); tal-ammissibilità tal-istqarrija u dan minhabba zviluppi li saru wara fejn is-suspettat

ghandu dritt li jkollu avukat prezenti anke mill-bidu tal-investigazzjoni.

Illi jirrizulta li f'dan il-kaz l-imputat odjern inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu li huwa ta lill-pulizija izda li huwa rrinunzja ghal tali dritt (Fol. 28).

Illi l-Qrati taghna kif ukoll dawk tal-Unjoni Ewropea mhux dejjem kienu konkordanti fuq dan il-punt. Waqt li kollha jaqblu illi stqarrija minghajr l-ebda wahda mill-kawteli prezenti tirrizulta ghall-inammissibilità tal-istqarrija mhux tal-istess parir meta d-dritt tal-avukat inghata izda mhux tal-prezenza tal-avukat waqt l-istqarrija.

Illi f'dan ir-rigward issir riferenza ghall-insenjament tal-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea f'**Beuze vs. Belgium** (dec 9/11/2018 - 71409/10) fejn tenniet is-segwenti:

> *"In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for*

*a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).'"*

Illi f'dan il-kuntest referenza ssir ukoll ghal kaz iehor bl-ismijiet <u>**Farrugia vs. Malta**</u> (dec 4/6/2019 - 63041/13) fejn il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem segwiet l-insenjament tal-*Grand Chamber* f' Beuze. Fil-kaz <u>**Farrugia vs. Malta**</u>, il-Qorti Ewropea kellha l-opportunità li tezamina s-sistema Maltija fejn sabet li s-sistema nostrana tissodisfa t-test tal-*overall fairness*.

Ghalhekk, l-enfasi tal-Qorti Ewropea hija diretta lejn l-overall fairness of the proceedings u din giet imfissra illi:

> *"'While very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.'"*

Decizjoni tal-Qorti Ewropea aktar ricenti minn ta' Farrugia u li ghal darb'ohra tanalizza s-sistema li kienet vigenti qabel dahal id-dritt ta' assistenza legali fil-kuntest ta' interrogazzjoni fil-ligi nostrana hija dik bl-ismijiet <u>**Mark Charles Kenneth Stephens vs. Malta**</u> (dec 14/1/ 2020). F'din l-ahhar sentenza gie ritenut hekk:

> *"'However the Court notes that the non-observance of one of the minimum rights guaranteed by Article 6 § 3 will not*

*lead to an automatic violation of that provision (see, for example and by implication, Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], nos. 50541/08 and 3 others, 13 September 2016, and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, ECHR 2015). The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case. The Court' s primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Beuze v. Belgium, [GC], no. 71409/10, §§ 120, 9 November 2018 and the case-law cited therein.*

*...*

*Particularly relevant to the present case, the Court observes that in the recent Beuze judgment, the Grand Chamber departed from the approach taken in previous cases that systematic restrictions on the right of access to*

*a lawyer led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009, Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010, and Borg, cited above, § 62). In Beuze, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them.' "*

Illi ghalhekk jidher car illi f'dan il-kaz, jekk wiehed kellu jhares lejn il-fedina penali tal-imputat, johrog bic-car li huwa kien ben midhla tas-sitema gudizzjarja u investigattiva. Illi jidher mill-istess fedina penali li giet ipprezentata mill-Ufficjal Prosekutur illi l-imputat kien gie akkuzat u misjub hati f'diversi okkazjonijiet matul is-snin fuq kazijiet ta' serq bl-istess *modus operandi* tal-proceduri odjerni.

Illi di piu' huwa kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu izda dan kien irrifjuta dan id-dritt. Irrizulta wkoll illi

l-imputat fl-istadju tal-istqarrija ammetta li ghen lil *-omissis-* fis-serqa filwaqt li ghabbew l-affarijiet fuq it-trakk personali tieghu. Illi dan inghata kull opportunità li jressaq id-difiza tieghu bl-akbar mod possibbli kif fil-fatt ghamel.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-*overall fairness* rikjest mis-sentenzi citati hawn fuq gie rispettat fit-totalità tieghu. Illi f'dawn il-proceduri spikkat in-non kuranza tal-imputat fil-proceduri fejn xi kultant ma jitfaccax u ma jkellimx lill-avukat tieghu. Dawn kollha kienu mankanzi tal-imputat u bl-ebda mod m'ghandhom jimpingu fuq l-*overall fairness* tal-proceduri. Illi ghalhekk tqis li l-istqarrija moghtija f'din l-investigazzjoni ghandha tkun ammissibbli bhala prova.

<u>Ricettazzjoni</u>

A rigward ir-reat ta' ricettazzjoni jinghad illi l-unika haga certa f'dawn il-proceduri hu li l-imputat gie misjub mill-pulizija fil-pussess ta' certi oggetti li wara gew identifikati minn rapprezentanti ta' *Polidano Group* bhala li jappartjenu lilhom f'parti minnhom.

Illi d-definizzjoni legali tar-reat ta' ricettazzjoni tinsab fil-Kodici Kriminali fl-Artikolu 334 li jghid hekk:

*"Kull min f'Malta xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel, meta jinsab hati -*

*(a) jekk il-haga tkun gejja minn serq, bil-pieni tas-serq, skont il-valur tal-haga;*

*(b) jekk il-haga tkun gejja minn wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi, bil-piena li hemm ghal min hekk jakkwista jew izomm;*

*(c) jekk tkun gejja minn frodi, bil-pieni li hemm ghal dik ix-xorta ta' frodi li minnha l-haga tkun gejja:"*

Illi l-principji tar-reat ta' ricettazzjoni huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna. Skont il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza bl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Darren Debono**</u> deciza fil-15 ta' Jannar 2009 intqal is-segwenti:

*"... ... sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe':*

*1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;*

*2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima; w*

*3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim "Il-Pulizija vs. Bugelli" [24.1.1942]; "Il-Pulizija vs. Giovanni Grima" [25.10.2002])*

Illi l-element formali ta' dan ir-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza llecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi ppruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. L-istess fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. John Briguglio** deciza fl-24 ta' Gunju 1961 (per Harding J.) kien gie ritenut li:-

*"Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

Gie wkoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina jkun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett filwaqt li jkollu jew inkella jmissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f'pussess ta' dak l-oggett b'mod illecitu u b'dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. J. Briguglio** [24.6.1961]; **Il-Pulizija vs. John Dimech** [24.6.1961]; **Il-Pulizija vs. George Tabone** [24.6.1961] u **Il-Pulizija vs. Tancred Borg** [26.10.1998]).

In linja ma kif jghid l-awtur **Kenny**:

*"The knowledge: The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. ...when an unlikely vendor offers them for an unlikely price ... His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously ... or making no written entry of having bought them."*

Illi l-awtur Ingliz **Archbold** fil-ktieb **Criminal Pleading, Evidence and Practice**, (1997, paras. 21-125, 21-126) qal hekk:-

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from Cross on Evidence,5th. ed., p.49 (now 8th. ed., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in*

*inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen....The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*Every case depends on its own facts. .... It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything*

*said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence."*

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti gialadarba ser issib htija fuq ir-reat ta' serq u stante li r-reat ta' ricettazzjoni huwa reat alternattiv ghal dan mhux ser issib lill-imputat Joseph Scerri hati tar-reat ta' ricettazzjoni.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi kif digà nghad, il-verzjoni tal-imputat waqt il-proceduri ma hi xejn kredibbli u dan kif digà nghad aktar 'il fuq ghaliex hija inverosimili kif l-imputat seta' emmen li *-omissis-* kien qieghed jitkellem *in buona fede* meta l-imputat stess jammetti li kien jaf li *-omissis-* kellu passat ikkulurit, meta l-istess *-omissis-* kien impjegat sabiex inaddaf l-annimali gewwa z-zoo ta' Montekristo u meta lanqas biss inghata karti ta' xejn sabiex jiehu l-affarijiet u meta skont id-depozizzjoni ta' Paul Polidano tkisser il-katnazz sabiex jidhlu fl-ghalqa?

**<u>Recidiva</u>**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll bir-recidiva taht l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalkemm gewipprezentati diversi sentenzi a rigward dan l-aggravju, madanakollu l-ebda persuna ma kkonfermat li dawn is-sentenzi llum il-gurnata huma definittivi u *res judicata*. Illi ghalhekk dan l-aggravju ma giex ippruvat.

## Decide

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 261(c), 267, 279 (b), 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Joseph Scerri** hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), u t-tielet (3) akkuzi kif dedotti kontrih u cioè ta' serq aggravat bl-ammont u tikkundannah ghal piena ta' sentejn (2) prigunerija effettivi;

Filwaqt li tilliberah mill-hames (5) akkuza kif dedotta kontrih u cioè tar-reat ta' ricettazzjoni stante li tali reat ta' huwa wiehed alternattiv ghar-reat ta' serq;

Tilliberah mis-sitt (6) akkuza kif dedotta kontrih u cioè tar-recidivizmu stante li dan ma giex ippruvat;

In oltre', bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat **Joseph Scerri** jhallas l-ammont ta' elf u erbatax-il ewro u disgha u tletin centezmu (€1,014.39c) rapprezentanti spejjez peritali naxxenti minn din il-kawza.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**